**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018**

**SEDUTA NUMRU 25**

**L-ERBGHA 20 TA' LULJU 2016 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER – |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| THERESA VALENTINO | KUNSILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

**Il-Kunsillier P. Fenech u l-Vici Sindku Dr. J. Fenech talbu sabiex jkunu skuzati minhabba li kienu jinsabu ma jifilhux.**

**Is- Sindku qal it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduti Nru. 23 u 24 gew approvati hekk kif gew emmendati. Il-Kunsillier A. Curmi ppropona u l-Kunsillier M. Miceli ssekonda.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier M. Miceli staqsa jekk il-Kunsill irciviex xi kommunikazzjoni mill-Ministeru kkoncernat rigward it-talba taghna sabiex nigu trasferiti mar-Regjuin Centrali. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li sa llum, ghadha ma ntbaghtix l-ebda kommunikazzjoni rigward din il-materja u anke intabagh reminder indirazzat direttt lill-Ministru.

2. Il-Kunsillier M. Miceli staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi dwar meta l-haddiema tal-Kunsill se jattendu ghal-korsijiet ta' l-ewwel ghajnuna. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn il-korsijiet se jigu organizzati aktar tard din is-sena ghal Ottubru.

3. Rigward is-sewwieqa rresponsabli li ta' kuljum qed jinjoraw is-sistema tal-one way fi Triq il-Hemel, il-Kunsillier M. Miceli rega' talab sabiex issir aktar pressjoni fuq LESA sabiex dawn is-sewwieqa jigu mharrka b' mod immedjatament. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li huwa diga ghandu nformazzjoni li xi sewwieqa gew mharrka. Huwa nforma li aktar informazzjoni se tintghata fis-seduta li jmiss peress li is-Sur S. Mallia, ufficcjal tal-LESA, ghandu appuntament mas-Sindku u mas-Segretarju Ezekuttiv fejn se tigi diskussa wkoll din il-materja.

4. Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk inghatatx l-ittra lill-Avukat tal-Kunsill dwar il-blat li hemm fi Triq ix-Xiber kantnuiera ma' Triq il-Qawsalla. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li din l-ittra diga' tinsab ghand l-avukat fejn gie infurmat li dan qieghed jaghmel ir-ricerk tieghu.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**

## III RAPPORTI MIS-SINDKU

1. Is- Sindku pprezenta rapport idettaljat rigward il-hidma tieghu li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

Il-Kunsillier M. Miceli staqsa sabiex jkun skuzat. Il-hin kien 6.15pm.

2. Is- Sindku rrefera ghall-kowtazzjoni li kiseb minnghand il-kuntrattur tal-gbir ta' skart rigward it-tbattil iktar spiss tal- *pavement bins* kif ukoll doggy-bins li hawn fil-lokalita'. Is- Sindku ppropona sabiex il-Kunsill ihallas ghal dan is-servizz fix-xhur ta' sajf biss u ghalhekk ghandu jispicca fl-ahhar ta' Settembru 2016. Wara diskuzzjoni twila, gie deciz li dan is-servizz ghandu jibda mill-1 ta' Awwissu 2016 sa l-ahhar ta' Settembru 2016. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Kunsillier M. Abela</u>

1. Il-Kunsillier infurmat li hija attendiet ghall-ahhar seduta ta-Regjun tat-Tramuntana li giet indirazzata mid-Direttur il-gdid ghall-Gvern Lokali, Sur A.Mifsud. Matul din il-laqgha, gew diskussi wkoll LESA u l-kuntratt tal-provista u manutenzjoni tad-dawl tat-toroq.

2. Hija nfurmat wkoll li Transport Malta accettaw it-talba li ressaq il-Kunsill flimkien mal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena sabiex Triq il-Veduta ssir one-way. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li din is-sistema se tigi mplimentata fil-futur qarib. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsillier M. Abela talbest sabiex tigi skuzata. Il-hin kien 7.15pm.

<u>Mill-Kunsillier M. Fava</u>

1. Il-Kunsillier M. Fava gibed l-attenzjoni li certu xoghlijiet li ma jkunxu marbutin b'kuntratti qabel jigu attwati ghandhom dejjem jigu diskussi u approvati f' seduta tal-Kunsill u dan minhabba finanzjarji li ghandu l-Kunsill fil-prezent. Huwa nforma wkoll li dawk ix-xoghlijiet li jkunu diskussi u approvati mill-Kumitat Aministrattiv tal-Madliena ghandhom ukoll jigu approvati waqt seduta tal-Kunsill qabel ma dawn jigu mplimentati.

2. Il-Kunsillier talab sabiex jekk hu possibli titressaq it-traffic calmer li hemm installata fi Triq il-Pedidalwett u tinqala wahda minn din it-triq.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Fava

3. Il-Kunsillier issugerixxa sabiex jigu nstallati charging points ghall-vetturi li jahdmu b' l-eletriku fil-postijiet indikati hawn taht:

   - Triq il-Qasam, in-naha tal-hwienet
   - Triq ta' l-Ibrag, minn Mercato Supermarket l'isfel
   - Fil-vicinanza ta' Centru Civiku – fejn hemm l-ufficini tal-Kunsill
   - Triq ta' l-Ibrag – 'il fuq minn Halland Hotel
   - Fil-vicinanza tal-bring-in-sites fil-Madliena

   Wara diskuzzjoni, il-Kunsill unanimament qabel li din l-informazzjoni ghandha tinghata lid-Dipartiment ikkoncernat.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier ipprezenta rapport iddetlajt ta' xi hidmiet li ghad qed jigu diskussi mill-ahhar Seduta. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. B.

2. B'referenza ghall-email tieghu datat 20 ta' Lulju 2016 (li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App.B) fejn ghadda l-kummenti tieghu rigward il-qaghda finanzjajrja tal-Kunill minn Janna sa Gunju 2016, kif ukoll rigward il-laqgha li kellha ssir ma' l-Accountant tal-Kunsill flimkien mal-Kumitat tal-Finanzi. Il-Kunsillier isugerixxa sabiex jekk hu possibli din il-laqgha ssir nhar is-26 ta' Lulju fl-16.00. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jikkomunika ma' l-Accountant tal-Kunsill rigwrad din il-materja.

3. Il-Kunsillier informa li xi residenti minn Triq il-Ghajn irrapurtax li hemm *speed-boat* ipparkjata barra fit-triq. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li se jirraporta lill-Pulizija ta' l-ghassa tas-Swieqi.

Mill-Kunsillier T. Valentino

1. Il-Kunsillier staqsiet dwar jekk jkunx possibli li r-rapprezentant tal-Kunsill, jkun parti milll-Bord ta' l-awtorita' ghal kull zvillup li jkun se jsir fil-lokalita' u mhux biss ghal-progetti kbar. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jistaqsi l-Awtorita' ta' ml-Ippjanar dwar din il-possibilta'.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

<u>Mill-Kunsillier T. Valentino</u>

2. Hija staqsiet ghall-projected costs ta' Jum is-Swieqi. Il-Vici Sindku nforma li wara it-Tlieta 2 ta' Awwissu, huwa se jkollu rendikont idettaljat ta' l-ispejjez involuti. Huwa nforma li fis-seduta li jmiss se jaghti aktar dettalji.

3. Hija infurmat li fi Triq il-Pedidalwett fil-parti ta' isfel, hemm buganvilla li ghandha bzonn tinzabar sew minhabba li tista' tkun ta' ostaklu ghal kull min jkun ghaddej minn fuq il-bankina.

4. Il-Kunsillier infurmat li skond l-ahhar rapporti li rcievet, xi xufiera tat-transport pubbliku li qed jieqfu fiz-zona ta' Victoria Gardens qed juzaw din iz-zona bhala toilet. Il-Kunsillier A. Chetcuti informa li se jghaddi din l-informazzjoni lit-Malta Public Transport.

5. Hija staqsiet sabiex jekk hu possibli fil-lokalita' jigu mhawla biss sigar indegini maltin.

<u>Mill-Kunsillier A. Chetcuti</u>

1. Il-Kunsillier talab sabiex issir laqgha ma' l-ufficjali ta' Transport Malta rigward l-immanigjar tat-traffiku fl-entartura tas-Swieqi minn hdejn il-Forex Ironmongery. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jaghmel dan l-appuntament.

2. Huwa nforma li fil-futur qarib se jinghata appuntament sabiex jiltaqa' mas-Sur Daniel mill-Greenpak rigward il-problema ta' l-iskart u rigward il-possibilta' ta' akatr bring-in-sites fil-lokalita' kif ukoll li dawn jkun responsabli ghall-hsarat li jsiru f'dawn il-bins.

3. Il-Kunsillier issugerixxa li jsiru double-arms poles f'zoni allokati mill-Kunsill fejn dawn maghhom jehlu baskets ghall-fjuri. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li din hija idea vera sabiha pero' hu talab sabiex dawn ma jsirux ghalissa minhabba l-problema finanzjajra tal-Kunsill.

4. Huwa talab sabiex jigi orndat isem tat-Triq il-Perkursur. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jordna dan l-isem.

5. Il-Kunsillier issugerixxa sabiex Triq il-Qantar ssir one-way sabiex it-traffiku jkun imqassam ahjar u b'mod aktar sigur. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din il-materja ghandha terga' tigi diskussa flimkien ma' traffic managament propost fil-lokalita.

**V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR**

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru.20 u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App.C), hadd ma ogezzjona u ghaldaqstant dawn il-pagamenti kollha gew approvati. Il-Kunsillier A. Curmi ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

**VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUITTIV**

1. Is- Segretarju Ezekuttvi irrefera ghall-iskema CIES, dik li l-Kunsilli gew mitluba jimpjegaw persuna b' dizabilta. Huwa nforma li wara li saru l-interview nhar il-Hamis 14 ta' Lulju 2016, u l-Interviewing Board idecieda li jaghzel lill-unika applikant li jisimha Ms. Catherine Gough. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din l-applikanta ghandha tigi impjegata fuq bazi ta' 20 siegha (part-time) ghall-kuntratt ta' tlett (3) snin. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Kunsill gie nfurmat ukoll li l-Kunsil se jkun qieghed ihallas biss ghall-National Insurance.

2. Huwa rrefera ukoll ghall-claim li ghamel is-Sur Grech minhabba hsarat li dan garrab fuq il-vettura tieghu waqt li kien ghaddej miz-zona ta' hdejn roundabout (gnien) ta' Victoria Gardens. Wara diskuzzjoni, gie deciz unanimament li ghandu jittiehed parir minnghand l-avukat tal-Kunsill.

**Din is-Seduta spiccat fid-20.30 u b'mod unanimu minn dawk prezenti gie deciz li s-Seduta li jmiss ssir nhar it-Tlieta 9 ta' Awwissu fil-17:00.**